**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi.198/96***

***Pulizija***
***Supt. Nicholas Ciappara***
***v***
***Joseph Dimech***

Illum 18 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***
Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputati huma bazati fuq is-segwenti reati: **Pussess Illegali tad-droga eroina aggravat bl-intenzjoni u bid-distanza** – rifferibbilment ghall-31 ta' Mejju 1999.

***Kwadru tal-Fatti***
Illi dan il-kaz isib l-origini tieghu minn telefonata anonima li kienet saret lill-pulizija fil-31 ta' Mejju 99 ghal habta tas-6.00 pm. u li kienet fis-sens li *"mohbijiin that is-seat ta' van li kienet ipparkjata hdejn il-Bocci Club ta' Hal-Ghaxaq kien hemm xi droga u li dan il-van kien jappartjeni lill-barman ( cioe' l-imputat) tal-istess club*" *(depos. Supt.Nicholas Ciappara).*

Illi in segwitu l-pulizija immedjatament poggiet il-van that sorveljanza, izda meta hadd ma avvicina lejh, iddecidiet li tintervjeni billi dahhlet fil-club u arrestat lill-imputat. Saret tficcija fil-van u fil-post indikat fit-telefonata anonima, fil-presenza

tal-imputat u hemmhekk that is-seat il-pulizija sabet tmien tiqratas kontenti droga eroina f' ammont nett totali ta' 0.294 grammi.

Illi mill-provi rrizulta li l-karrozza kienet miftuha (cioe' mhux msakkra) u kellha l-hgiega mnizzla. Meta l-imputat ra hekk huwa inhasad u dak il-hin *a tempo vergine* sostna li ma kien jaf b' xjen dwar id-droga li nstabet. Huwa bhala spjegazzjoni seta' javvanza biss il-fatt li xi hadd zgur li kien ghamillu vendikazzjoni.

L-imputat baqa' jichad kategorikament waqt ir-rilaxx tal-istqarrija mghamula minnu lill-pulizija, kif ukoll fid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi din il-Qorti wara ezami rett tal-provi migjuba tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' li tosserva lill-imputat matul dawn il-proceduri u b' mod partikolari tosserva l-**komportament** tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, kemm waqt l-ezami kif ukoll waqt il-kontro ezami, u hija tal-fehma li ghandha tghati affidament ghal verzjoni tal-imputat. Fi kliem iehor il-Qorti hija propensa li temmen lill-imputat u taccetta bhala veritier dak li huwa sostna matur process kollu.

Din il-konkluzjoni issib konfort fis-segwenti fatturi:

1. Il-fatt li l-imputat kien **kategoriku u konsistenti** fic-cahda tieghu tul l-investigazzjoni kollha tal-kaz u anki tul il-proceduri.

2. Il-**fonti tal-informazzjoni** mghoddija lill-pulizija – u cioe' it-telefonata anonima – kienet preciza wisq, <u>u fic-cirkostanzi tal-kaz u fil-kuntest tal-provi mressqa</u>, mhux inverosimili li dik id-droga kienet tpoggiet hemmhekk minn terza persuna bi spirtu ta' vendikazzjoni.

3. Illi l-vettura ma kienitx msakkra u l-hgiega kienet imnizla, u ghalhekk kien hemm **access facli** ghal go fiha minn terzi persuni.

4. Illi ma nstab xejn, ghajr il-post fejn instabet id-droga, li jista' jistabilixxi *nexus criminis* bejn l-imputat u l-abbuz tad-droga. F' dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li ma sarux ezamijiet forensici ghal impronti digitali fuq l-oggetti misjuba.

5. Anki l-**fedina penali nettissima** tal-imputat ghandha relevanza f' dawn il-konsiderazzjonijiet.

***<u>Konkluzjoni</u>***

Illi in vista tal-premess l-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li l-prosekuzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-kaz taghha fil-konfront tal-imputat minghajr dubbju dettat mir-raguni kif jesigi d-dritt penali, u ghalhekk l-akkuzi dedotti kontra tieghu ma jistghux jreggu.

Ghaldaqstant ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***